# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 558/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Laura Tirchett**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Laura Tirchett, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 433281M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Lulju, 2016 għall-ħabta tal-11:15hrs ġewwa Triq l-Iżbark tat-Torok, Birżebbugia, għamlet lil Carmelo Abela inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-17 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-imputata ħatja, applikat kontra tagħha l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 u rabtitha għal perjodu ta' sena taħt penali ta' €2,300 sabiex iżżomm il-bon ordni u ma ddejjaqx lil Carmelo Abela;

Rat ir-rikors tal-appellanta, Laura Tirchett, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 2016, li bih talbet lil din il-Qorti jogħġobha **timmodifika** s-sentenza appellata tas-17 ta' Novembru, 2016 u dan billi **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata kwantu sabet lil esponenti ħatja u tilliberaha minn kull akkuża kif dedotta;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-appellanta tillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti bil-gravami li jista' jitqies li hu dwar l-apprezzament tal-provi. Hija tressaq dawn iz-zewg argumenti : a) li tul il-proċeduri imkien ma rriżulta li f'xi ħin lissnet xi kliem ta' theddid fil-konfront ta' Carmelo Abela jew li tat fastidju ta' xi forma jew oħra lil Carmelo Abela; u b) "illi waħda min-noti mwaħħla mal-vettura tal-esponenti kienet l-istess kemm fil-materja kif ukoll fil-kaligrafija għal nota mwaħħla mal-bieb ta' proprjeta' ta' Carmelo Abela. Inoltre tali fatt gie injorat mill-ewwel

Onorabbli Qorti stante illi naqset milli tiehu konjizzjoni tas-similarita' bejn iz-zewg noti.".

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti qed tissolleva n-nullita' tas-sentenza appellata ghar-raguni illi l-ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi li dwaru sabet htija. Il-parti dispositiva tas-sentenza taqra hekk:

'*Issibha ħatja tagħha. Tapplika kontra tagħha l-artikolu 383 et seq tal-Kap 9 u torbotha għal perjodu ta' sena mil-lum taħt penali ta' 2300 Euro sabiex iżżomm il-bon ordni u ma ddejjaqx lil Carmelo Abela'.*

3. Illi bl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, meta Qorti taghti sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodici jew ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Fil-kaz odjern kellu jkun indikat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali liema artikolu baqa ma ssemma mkien f'din is-sentenza. Din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku u konsegwentement il-Qorti tista', kif ser taghmel, tissolleva n-nullita' tas-sentenza *ex officio* (Ara fost diversi sentenzi **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** [App Kri 28.4.1995]);

4. Issa,kif kostantement deciz mill-Qrati taghna dan huwa nuqqas ta' formalita' essenzjali li jgib bhala konsegwenza in-nullita' u ghalhekk din is-sentenza qed tkun dikjarata nulla u bla effett;

5. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu**

**Attard**) F'dan il-kaz kien hemm biss imputazzjoni wahda u ghalhekk mhux applikabbli dan l-ahhar insenjament. Konsegwenza ohra ta' importanza imbaghad tirrigwarda l-aggravji fir-rikors ta' appell ghaliex dawn issa jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]). Isegwi ghalhekk li din il-Qorti issa tikkunsidra l-provi mressqa u taghti s-sentenza taghha mill-gdid;

6. Brevement rakkontanti l-fatti, dan il-kaz jirrigwarda allegat theddid da parti tal-imputata meta avvicinat lill-kwerelant bil-vettura taghha u wissietu illi jekk terga ssib nota ohra mal-vettura kienet ser ittajru bil-karozza.

8. Fl-affidavit tieghu, PC 1401 jirrakonta dak li qalulu l-partijiet dwar il-kaz. Din il-Qorti, izda, semghet sia lill-kwerelant kif ukoll lill-imputata fejn il-kwerelant spjega illi kien qed inaddaf il-katusa ta' barra d-dar tieghu meta l-imputata, li toqghod faccata tieghu waqfet quddiemu bil-vettura taghha u hedditu li jekk terga' ssib nota ohra mwahhla mal-karozza kienet ser tghaddi minn fuqu.

9. Laura Tirchett xehedet illi kienet qed issib hafna karti mwahhlin mal-karozza taghha b'kitba suggestiva u fjuri kif ukoll karti mwahhla mal-vettura ta' zewgha b'kitba li tghid li kienet qed teqlibhielu. Tghid ukoll illi l-kwerelant kien qed isegwi l-passi taghha u kienet konvinta li l-kwerelant kien responsabbli ghal dan kollu. L-appellanta ikkonfermat li dakinhar waqfet bil-vettura taghha quddiem il-kwerelant izda baqghet fil-vettura u qaltlu biex ma jibqax iwahhal l-karti mal-karozza u ma jkomplix isegwi l-passi taghha u nnegat illi qatt ghamlitlu xi theddid;

10. Kif inghad *supra,* l-aggravji f'cirkostanzi ta' nullita' tas-sentenza, issa jitqiesu bhala sottomissjonijiet u din il-Qorti ser tqis l-ewwel argument bhala sottomissjoni ghaliex frankament it-tieni argument ma jiftiehem xejn. L-appellanta ghalhekk tissottometti li mkien ma jirrizulta li qatt lisnet xi kliem ta' theddid versu l-kwerelant. Din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet u hija libera li temmen verzjoni minn ohra. Minn dak li assistiet ghalih din il-Qorti, mill-komportament tal-kwerelant fuq il-pedana tax-xhud, mill-fatt illi anke biex jisma x'kienet qed tghidlu l-Qorti ddimostra certu diffikulta, din il-Qorti hija aktar inklinata li temmen lill-appellanta u hekk fil-fatt ser taghmel;

11. Illi l-appellanta ippruvat fil-grad tal-probabbli illi l-fatti ma sehhewx kif allegat mill-kwerelant u ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibhiex hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha u konsegwentement qed tilliberaha.